MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 171/2007

Il-Pulizija
(Spt. C. Abdilla)
Vs
Donald John Bonnici

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Marzu, 2007, ghall-habta tal-10.45 p.m., bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-hanut ta' l-inbid, birra w xorb spirituz, bl-isem ta' "Clique Bar" li jinsab gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, ippermetta tfal taht is-sittax (16) il-sena biex jidhlu fil-post imsemmi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 t'April, 2007 li biha wara li rat l-artikolu 6(1), 15 ta' l-Avviz Legali nru. 124 ta' l-1995, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu ghal multa ta' tlett mitt lira Maltin (LM300).

Rat ukoll l-artikolu 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat li l-licenzja tal-fond de quo tigi sospiza ghal perjodu ta’ xahar.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena jew, alternattivament tvarja w tirriforma s-sentenza appellata f’dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena/sospensjoni nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellant li jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :
1. Illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi u tal-ligi. Dana qieghed jinghad peress illi f’dan il-kaz ix-xhud Philippa Falzon ma xehditx, peress illi fil-konfront tal-imsemmija xhud kienu gew istitwiti proceduri stante li kienet qeghda tpejjep fil-fond in kwistjoni u, per konsegwenza, ghazlet li ma tixhidx f’dawn il-proceduri propju minhabba l-fatt li kellha proceduri pendenti kontra taghha.
B’hekk in kwantu d-deposizzjonijiet ta’ PS 1492 u PC 451 jirriferu ghall-fatt illi mill-partikolaritajiet moghtija lilhom minn Philippa Falzon irrizultalhom li kient taht l-eta’, tali prova hija “hearsay evidence”.
Illi ghalhekk ma kienx hemm il-prova rikjesta w ammissibbli skond il-ligi dwar effettivament l-eta’ ta’ din ix-xhud u konsegwentement, l-Ewwel Qorti ma setghatx legalment issib htija.
2. Illi l-Ewwel Qorti erronjament sabet il-htija fuq l-imputazzjoni addebitata anki ghaliex ma kien hemm ebda prova li l-appellant huwa propjetarju kif definit fir-regolament 2 tal-A.L. 124/1995.
F’dan ir-rigward jinghad illi d-deposizzjoni ta’ Dr. Michael Camilleri fil-kapacita’ tieghu ta’ rapprezentant tal-M.T.A u d-dokument minnu esebit jindikaw li l-appellant huwa l-persuna li f’ismu ghandu l-licenzja tal-istabbiliment “Clique Bar”.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, l-Ewwel Qorti ma setghetx legalment tapplika d-diskrezzjoni lilha moghtija fl-Artikolu 30(1) tal-Kap. 9, stante illi r-regolament 15(3) tal-A.L. 124/1995 jipprovdi espressament meta, f'dawn it-tip ta' imputazzjonijiet, ghandha tigi sospiza l-licenzja relattiva.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet ix-xhieda ta' PS 1492 Joseph Pace u ta' PC 451 Aaron Bugeja li minnha rrizulta li meta huma fid-data w hin in kwistjoni kienu ghamlu inspection fil-fond Clique Bar, raw tfajla li, meta staqsewha ghall-particulars taghha, irrizultalhom li kienet taht is-16 il-sena.  Dan gie konfermat ma' verifika tad-"data base" tal-Pulizija.  Gara pero' li din it-tfajla baqghet ma xehditx quddiem l-Ewwel Qorti minhabba li hi wkoll kellha proceduri pendenti w setghet tinkrimina ruha.  Inoltre ma ngabet ebda prova ohra tal-identita' w l-eta' tat-tfajla, bhal, per ezempju, certifikat tat-twelid tal-istess tfajla.

Ghalhekk,  peress illi mill-provi mismugha llum ma saritx l-aqwa prova ta' l-eta' tal-persuna koncernata li kienet tinsab fil-"Clique Bar" u cioe' kopja tac-certifikat tat-twelid taghha w l-istess persuna lanqas biss ingabet biex tixhed quddiem l-Ewwel Qorti w ergo ma setghetx tixhed quddiem din il-Qorti w ghalhekk kull ma qalet lis-Surgent u Kuntistabbli f'din il-kawza, ghad-differenza mill-kawza taghha,  jikkostitwixxi "hearsay" u ghalhekk mhix prova ammissibbli f'din il-kawza, tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, piena w sospensjoni tal-licenzja tal-istabiliment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------